MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2008

Numru. 398/2008

**Il- Pulizja**
**(Spettur Elton Taliana)**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Raymond Abela**

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Raymond Abela, ta’ 41 sena iben Joseph u Carmen nee` Cortis, imwieled nhar it- 30 ta’ Settembru, 1966, Melbourne, l- Australia, u residenti St. Mary, Flat 1, Dahlet it- Tempju Megalitiku, Birkirkara, detentur tal- karta ta’ l- identita, 126583M.

Akkuzat talli f’ dawn il- Gzejjer, nhar it- 3 ta’ Mejju, 2008 ghal habta tat- tmienja u kwart ta’ fiulghaxija (20.15hrs) gewwa Triq San Giljan, Birkirkara u/jew fil- vicinanzi;

1. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b' hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persnuna inkarigata skond il- ligi minn servizz pubbliku u filwaqt li tkun tagixxi ghall- esekuzzjoni tal- ligi jew ta' ordni moghti skond il- ligi mill- awtorita` kompetenti.

2. Ingurja, heded jew ghamel offiza fuq il- persuni tal-kuntistabbli PC445 Adrian-Paul Bugeja u l- kuntistabbli PC337 Mark-Anthony Mercieca, inkarigati skond il- ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qieghdin jaghmlu jew imnhabba li kienu ghamlu dan is- servizz, jew bil- hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l- ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is- servizz.

3. Naqas li jobdi l- ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-kuntistabbli PC445 Adrian-Paul Bugeja u l- kuntistabbli PC337 Mark-Anthony Mercieca u ohrajn waqt li kienu qed jaqdu d- dover taghhom jew ma halliex jew fixkilhom waqt il- qadi ta' dmirijiethom;

4. Talli fl- istess data, hin u cirkostanzi volontarjament qal kliem oxxen u espressjonijiet ta' dagha;

5. U aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, kellu fil- pussess tieghu xi sikkina jew strument li jaqta u bil- ponta minghajr il- licenzja jew permess tal-Kummissarju tal- Pulizija.

6. Talli volontarjament kiser il- bon-ordni jew il- kwiet pubbliku b' ghajjat u glied.

Rat l-artikoli 95, 96, u 338(bb)(dd)(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 3(a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebieti.

Rat li f'l-udjenza mizmuma llum 4 ta' Mejju 2008 minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tghatu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat in-natura tar-reati min-naha u min-naha l-ohra l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri kif ukoll l-eventwali koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija. Fattur iehor li hadet in konsiderazzjoni l-Qorti huwa dak li l-imputat ilu sena li temm b'success programm ta' riabilitazzjoni mill-vizju tad-droga.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikoli 95, 96, u 338(bb)(dd)(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 3(a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal-piena ta' prigunerija ghall-perjodu ta' sitt (6) xhur, liema perjodu, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap 9, qed jigi sospiz ghal perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija,

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------